# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 56

3 ta' Novembru 2022

Is-sitta u ħamsin (56) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 56.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

56.1.1. Is-Sindku ressaq ittra ta' apoloġija tas-Sa Sandra Sammut Hili li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba li tinsab imweġġa'. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija u awguralha fejqan ta' malajr.

### 56.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

56.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-ħamsa u ħamsin (55) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

56.2.2. Is-Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 55.5.6 li għandha taqra "tabelli tal-klieb li għandhom jinżammu biċ-ċinga".

56.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, JP, VB, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

56.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 55.2.3 u staqsa f'hiex kien wasal ix-xogħol fi Triq Macerata u Triq Vilhena. Is-SE qal li sa dakinhar filgħodu kienet inqalgħet il-bankina biex tingħata l-konkos. Huwa qal li x-xogħol kien se jsir biċċa biċċa u li l-kurduna ma kinitx ser tintmiss.

56.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 55.2.5 u staqsa jekk kienx tlesta x-xogħol fuq l-ispralli. Is-SE informa li l-kuntrattur kien informah li l-ispralli kienu tlestew però informa li dakinhar stess filgħodu, kien hemm rapport fuq xi spralli u għalhekk kien bagħatlu r-ritratti tagħhom sabiex isiru.

56.2.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-isprall ta' ħdejn il-Kurja. Is-SE qal li kien kellem lill-kuntrattur u talbu sabiex jinformah meta jkun ser imur inaddaf, ħalli jkun jista' jmur rappreżentant tal-Kunsill miegħu, però sa dakinhar kien għadu ma kkuntattjahx. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jidentifika biex kien miżdud sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni mill-aktar fis.

56.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 55.2.7 rigward il-laqgħa mal-Onor. Owen Bonnici, u ppropona li l-Kunsill jiddiskuti wkoll il-legal notice li tikkonċerna l-limitazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu isiru fil-Floriana fiż-żmien tal-Milied biex ma jaffetwax il-kummerċ tal-Belt Valletta. Huwa qal li din il-legal notice għaddiet fit-2012 u jħoss li kienet diskriminatorja fil-konfront tal-lokalità.

56.2.7.1. Is-SE qal li fir-rigward tal-materja tal-Fosos, hu kien bagħat lill-Onor. Bonnici, li min-naħa tiegħu kien wieġbu u talbu iktar dettalji sabiex jiġu preparati għal-laqgħa, però sa dakinhar kien għad ma tahx data għal-laqgħa.

56.2.7.2. Is-SE ppropona li l-Kunsill għandu jitlob li tiġi proposta soluzzjoni fir-rigward tal-bankini tal-qawwi b'mod ġenerali.

56.2.7.3. Is-Sindku qal li meta nqalgħu xi bankini, kien instab pavimenti taż-żonqor taħt.

56.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materji nru 55.5.3 u 55.5.10.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

56.2.8.1. Is-SE qal li kien bagħat lill-ħaddiem sabiex jaraw fejn ser jeħlu n-no entry signs għal Triq San Franġisk.

56.2.8.2. Is-Sindku talab li jindarbu t-tabelli tal-ħin kollha, minħabba li hemm minnhom li ċċaraw.

56.2.8.3. Is-SE informa li t-tabelli biex ma jitimgħux wet food lill-qtates, għandhom isiru dalwaqt ħdejn il-cat cafes, hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa.

56.2.9. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 55.5.5 u staqsiet jekk kienx hemm approvazzjoni mill-ERA rigward l-applikazzjoni li l-Kunsill ressaq biex isiru kameras tas-CCTV. Is-SE wieġeb li sa dakinhar, il-Kunsill kien irċieva biss rikonoxximent.

56.2.10. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-MTA fejn ġie propost li l-Kunsill jikteb lis-CEO biex il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat jibqa' jiġi organizzat konġuntament, però sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Huwa ppropona biex il-Kunsill jiġri warajhom jekk jibqa' ma jirċevix risposta fuq il-ftehim, minħabba li ma tantx kien għad fadal żmien sa April. Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jivverifika jekk kienx hemm fondi allokati lill-kunsilli lokali għall-attivitajiet tas-sena d-dieħla.

56.2.10.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-parkeġġ dakinhar tal-attività u qal li persuna waħda biss kienet għamlet użu mill-parkeġġ provdut. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitkellem mal-Malta Scouts Association sabiex jara jekk jistax jintlaħaq ftehim għall-parkeġġ fil-biċċa tagħhom minflok fil-parkeġġ tal-MCP. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

56.2.11. Is-Sindku għamel riferenza għall-inizjattiva ta' Slow Streets u qal li l-Kunsill għandu jipproponi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Is-SE qal li din it-triq se tkun żona pedonali u għalhekk ma tikkwalifikax għall-iskema ta' Infrastructure Malta peress li l-iskema tirrikjedi li t-triq tkun maqsuma, parti għall-karozzi u parti għan-nies. Is-Sindku qal li xorta waħda setgħet tikkwalifika għall-proġett ta' slow streets.

56.2.12. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għad m'hemmx risposta rigward il-kwistjoni tat-tismija tat-triq għall-mibki Tony Zarb. Is-SE qal li kien wieġeb għat-talba tagħhom però sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

56.2.13. Is-Sindku għamel riferenza għall-korrispondenza mill-AKL rigward oġġetti sinonimi mal-lokalità. Is-Sindku qal li seta' ġie propost ukoll Bieb il-Bombi. Is-SE nforma li kien wieġeb hekk kif suġġerit mil-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

56.2.14. Is-Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 55.3.4 u fakkar lil-Kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti tagħhom. Is-Sindku qal li possibilment ser ikun hemm forma ta' fondi għall-kunsilli relatati mal-istabbilimenti u guest houses fil-lokalità. Is-Sindku qal li kien ser iressaq proposta rigward il-kunċerti li jsiru fil-lokalità u l-possibbiltà li l-kunsill jingħata fondi relatati ma' dawn l-attivitajiet.

56.2.15. Is-Sindku għamel riferenza għall-persuni li ser jiġu nominati mill-Kunsill għall-Premju Żgħażugħ Kristjan tas-Sena organizzat mill-Kerygma. Is-SE qal li kien bagħat lill-Kunsilliera SSH sabiex tikkomunika magħhom biex jipprovdu dak mitlub.

56.2.16. Is-Sindku VB qal li kien ikkomunika mal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fir-rigward tal-istatwa li talbu li tinżamm il-Kunsill. Huwa qal li wieħed irid jara jekk l-istatwa tgħaddiex mit-taraġ minħabba l-għoli.

56.2.17. Is-Sindku VB għamel riferenza għall-ATM tal-BOV. Il-Viċi Sindku qal li kien tkellem ma' rappreżentant tal-BOV li nformah li kien hemm żewġ ATMs fil-lokalità. Huwa qal li kien informah li t-tieni ATM ma kinitx daqstant aċċessibbli għar-residenti, u għalhekk ġiet diskussa l-possibilità li tinfetaħ branch żgħira li tinfetaħ imqar il-Ġimgħa u s-Sibt sabiex ikunu jistgħu jinqdew l-anzjani.

## 56.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

56.3.1. Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-Perit ta' Infrastructure Malta li wrewh il-pjanti ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi. Huwa qal li l-ewwel xogħol li kien ser isir kien ser ikun ħdejn Binja Vilhena u jibqgħu ħerġin ftit ftit sa ħdejn il-Housing Authority. Huwa qal li kien hemm diversi problemi, inkluż il-bżonn li jinbidlu s-sistemi tad-drenaġġ, u li t-triq ma tistax togħla minħabba li hemm xi bibien tal-garaxxijiet li jinfetħu l' barra, kif ukoll il-mod kif ixaqleb l-ilma.

56.3.1.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux se jinqalgħu it-toroq tal-madwar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien provdilhom lista' ta' toroq, inkluż Triq is-Suq u Triq Pietro Floriani, li eventwalment ser isiru wkoll.

56.3.2. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Tourism Authority fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw attività fi żmien il-Milied u talbu li jintuża l-parkeġġ li hemm fil-viċinanzi. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

56.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-organizzazzjoni tal-programm Popolin fejn stiednu lill-Kunsill jinnomina personaġġi interessanti jew notevoli fil-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lil Manolito Micallef u lil Joe Attard. F'każ li xi ħadd minnhom ma jkunx interessat, il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq wieħed mill-persuni l-oħra proposti mil-Kunsill.

56.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-Valletta Race li nformaw li ser issir tiġrija nhar it-8 ta' Diċembru u qed jitolbu li tingħalaq Triq l-Iljun għal xi ftit siegħat.

56.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Commision on Gender-Based Violence and Domestic Violence rigward kampanja kontra l-vjolenza domestika fejn ipproponew li jitwaħħlu simboli taħt it-tabelli tat-traffiku. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

56.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Senior Citizens fejn ipproponew l-introduzzjoni ta' tricycles biex l-anzjani jkunu jistgħu iduru Ġnien l-Argotti bħalma kienu jagħmlu bir-roti fi tfulithom. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju però qabel li għandu jiddiskuti f'iktar dettall anke minħabba l-fatt li scooters ġeneralment ma jitħallewx jintużaw fi Ġnien l-Argotti.

56.3.7. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva risposta mingħand il-Public Works rigward ix-xogħol fuq il-funtana tal-iljun fi Triq Sant'Anna. Huwa qal li l-permess mill-Planning Authority kien għadu ma ħariġx iżda jidher li kien wasal fl-aħħar. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jippublika din il-korrispondenza fil-paġna tal-Kunsill għat-tagħrif tar-residenti. Il-Kunsill qabel.

56.3.8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jinħatar il-Kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti tal-knis. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-kumitat min-naħa tal-kunsilliera għandhom ikunu is-Sindku VB, il-Viċi Sindku AD u l-Kunsillier JAE.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-kaptelli li hemm fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Huwa qal li għalkemm kienet għadha lanqas għamlet ħalba xita, il-kaptella kienet diġà telgħet. Huwa qal li l-Kunsill hemm bżonn jara xi jsir qabel ma jweġġa' xi ħadd.

56.4.1.1. Is-SE qal li mid-dehra ġieli jipparkjaw anke l-coaches fuqha u l-Kunsill kien informa lil Transport Malta b'din il-problema.

56.4.1.2. Għalhekk il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jinsisti ma' Transport Malta biex isir xi ħaġa, bħal xi tip ta' barriers mal-bankina, qabel ma jseħħ xi inċident.

56.4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Periti tagħhom sabiex jara x'jista' jsir dwar din il-problema.

56.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar iż-żabra tas-siġar ta' ħdejn l-iSptar Sir Paul Boffa. Huwa qal li s-siġar tant kibru li t-tabelli bilkemm qed jidhru. Is-Sindku qal li għandu jiltaqa' m'Ambjent Malta rigward is-siġar ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi u s-siġra ta' ħdejn il-piċċ tal-Klabb tal-Boċċi, u għandu jieħu ħsieb jiġbdilhom l-attenzjoni dwar dawn ukoll.

56.4.3. Il-Viċi Sindku AD staqsa jekk il-gwardjani lokali jinżlux ħdejn il-lukanda Grand Hotel Excelsior. Is-Sindku qal li suppost iduru mal-lokalità kollha, għalkemm il-preferenza dejjem tkun li jagħfsu iktar fuq iż-żona residenzjali. Il-Viċi Sindku AD ppropona li l-Kunsill jitkellem ma' min hu responsabbli sabiex isir xi shade mal-floodlight li hemm int u tiela' u ħiereġ għal Triq l-Assedju l-Kbir, għax bid-dawl tiegħu ix-xufiera ma jarawx sew. Il-Kunsill qabel.

## 56.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

56.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

56.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 42/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**Nota: 18:19 Il-Viċi Sindku AD talab li jkun skużat.**

56.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

56.6.1.2. Is-SE nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin kien ser ikun hemm bżonn li jinħareġ il-pagament għal polza tal-assigurazzjoni tal-karozza l-ġdida tal-Kunsill u għalhekk talab l-approvazzjoni sabiex il-pagament ikun jista' jinħareġ. Il-Kunsill qabel nem con.

56.6.2. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda tal-petty cash li wkoll ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 18:22 Il-Viċi Sindku AD irritorna lura għal-laqgħa.**

## 56.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIELET KWART TAS-SENA

56.7.1. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena.

56.7.2. Is-Sindku ppropona li tintalab il-preżenza tal-accountant meta jkun hemm preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji u dan sabiex ir-rapporti jkunu jistgħu jiġu spjegati b'mod dettaljat.

56.7.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 56.8 ŻVILUPP U TITJIB TA' LATRINI PUBBLIĊI AWTOMATIĊI

56.8.1. Is-Sindku VB fetaħ id-diskussjoni billi staqsa jekk kienx hemm risposta mir-Reġjun Port fir-rigward ta' din il-proposta. Is-SE nforma li jidhirlu li d-DLG kien informa lir-Reġjun Port sabiex jiddiskutu ma' kull kunsill sa fejn jixtiequ jaslu fir-rigward ta' awtomazzjoni.

56.8.2. Is-Sindku qal li wieħed irid jara wkoll rigward il-gabbana tal-Bombi, li għalkemm preżentement mhux jieħu ħsiebha l-Kunsill, xorta waħda taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

56.8.3. Is-Sindku qal li din għandha tiġi diskussa wkoll mir-Reġjun Port fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li eventwalment il-Kunsill imbagħad irid jiddeċiedi liema spejjeż irid jassorbi.

56.8.4. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien ser jagħlaq it-toilets wieħed wieħed sabiex issir xi manutenzjoni. Il-Kunsill innota dan.

## 56.9 DWAL TAL-MILIED

56.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur tat-tiżjin tad-dawl tal-Milied u ġie diskuss x'seta' jsir għal din is-sena. Huwa qal li l-istess tiżjin seta' jitħalla armat sabiex jintuża għall-festa liturġika ta' San Publju f'Jannar.

56.9.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie mill-Fergħa Armar ta' Barra li offrew li jarmaw xi fustuni bi ħlas għall-festa t'April. Il-Kunsill qabel li għandu jara iktar 'il quddiem sabiex jara x'se tkun is-sitwazzjoni.

## 56.10 ATTIVITÀ TAL-MILIED

56.10.1. Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni għall-fondi ma kienitx intlaqat minħabba li l-Kunsill kien informat li ma laħaqx il-kriterji mitluba. Is-SE qal li kien talabhom rapport tal-evalwazzjoni però sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

56.10.2. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jikkunsidra attivitajiet iżgħar bħal kor tat-tfal fid-Dar tal-Anzjani jew mat-toroq. Is-SE qal li l-Kunsill seta' jidħol għal affarijiet żgħar bħal dawn però dawn l-iskemi kieku kienu jippermettu lill-Kunsill jagħmel affarijiet akbar.

56.10.3. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-possibbiltà li tiġi armata siġra tal-Milied fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Is-SE wieġeb li din ma tistax issir minħabba li hemm diffikultà biex issir it-toqba minħabba l-Fosos. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax issir f'rokna. Is-SE wieġeb li wieħed irid jara minħabba l-bankina u anke minħabba l-elementi. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjoni għaliha. Is-SE ġibed l-attenzjoni għar-restrizzjonijiet finanzjarji li għandu l-Kunsill minħabba li tali sejħa ma tistax toħroġ b'tender peress li ma tantx fadal żmien.

56.10.4. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri wkoll xi ħaġa żgħira lill-anzjani.

56.10.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitkellem mas-Surmast tal-iskola primarja sabiex jara jekk jistax isir xi ħaġa fl-iskola.

56.10.6. Is-Sindku għamel riferenza għall-ikla li tiġi organizzata għall-Kunsill u l-istaff fi żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li ssir nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022.

## 56.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

56.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2022**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |